MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 895/2006

**Lorenzo, sive Lawrence, u Rita konjugi Spiteri sive Spiteri Bailey u Michael Spiteri sive Michael Spiteri Bailey**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li fih ippremettew illi:

1. L-esponenti Lorenzo Spiteri, maghruf bhala Lawrence Spiteri, twielet nhar is-sittax ta’ Lulju, 1942, kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tieghu bin-numru ta’ iskrizzjoni erbat elef, mija u erbgha u disghin tas-sena 1942 (4194/1942), illi kopja tieghu qed tigi annessa, esebita u mmarkata bhala Dok “A”;

2. Ghalkemm fl-imsemmi Att tat-Twelid l-isem ta' l-esponenti Lawrence huwa indikat bhala "Lorenzo", l-istess esponenti minn dejjem kien imsejjah u maghruf bhala "Lawrence" u mhux "Lorenzo", u dana fl-atti kollha tal-hajja civili tieghu, inkluz il-karta tal-identita' tieghu (li kopja taghha qed tigi hawn annessa bhala Dok "B") u l-Att taz-Zwieg li jgib in-numru ta' Iskrizzjoni sebgha mija tnejn u sittin tas-sena 1969 (762/1969), u li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok "C", kif ukoll f'dokumenti ufficjali u governattivi relatati ma' l-impieg tieghu fis-Servizz Civili, li kopja taghhom qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok "D", u dana kif ser jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-proceduri odjerni;

3. Inoltre, minn mindu bdew l-iskola primarja, l-esponenti Lawrence Spiteri u huh kienu konsistentement maghrufa bil-kunjom "Spiteri Bailey", stante illi filwaqt illi l-kunjom ta' missier l-esponenti Lawrence kien "Spiteri", il-kunjom ta' xbubit ommu kien "Bailey", u ghaldaqstant l-istess esponenti beda' jgib il-kunjom ta' ommu flimkien ma' dak ta' missieru u dana fl-atti kollha tal-hajja civili tieghu, inkluz il-karta tal-identita', ic-certifikati tat-twelid u z-zwieg ta' l-ewwel wild tieghu Valerie, illum Catania, nee' Spiteri Bailey, kopji ta' liema certifikati qieghdin jigu hawn annessi u immarkati bhala Dok "J" u "K" rispettivament, kif ukoll dokumenti relatati ma l-impieg tieghu hawn fuq imsemmija, u dana kif ser jigi ppruvat ukoll waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Inoltre jigi rilevat bir-rispett illi l-esponenti Lawrence sive Rita konjugi Spiteri, maghrufa Spiteri Bailey, zzewgu nhar l-10 ta' Mejju, 1969, u dan kif jirrizulta fl-Att taz-Zwieg bin-numru ta' Iskrizzjoni sebgha mija u tnejn u sittin tas-sena 1969 (762/1969), li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok "C";

5. L-esponenti Rita Spiteri nee' Grech, ilha maghrufa bhala "Spitieri Bailey" mid-data taz-zwieg fuq imsemmi, u dana fl-atti kollha tal-hajja civili taghha, inkluza l-karta tal-identita' taghha (li kopja taghha qed tigi hawn annessa bhala Dok "E"), kif ukoll ic-certifikati tat-twelid u z-zwieg ta'

l-ewwel wild taghha Valerie, illum Catania, nee' Spiteri Bailey surreferiti, u dana kif ser jirrizulta mill-provi relattivi.

6. Minghajr pregudizzju ghal dak kollu premess, l-esponenti Michael Spiteri, maghruf bhala Michael Spiteri Bailey, twieled miz-zwieg ta' l-esponenti konjugi Spiteri nhar il-15 ta' Gunju 1979 u dan kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid tieghu bin-numru ta' Iskrizzjoni tlett elef, mija, wiehed u sittin tas-sena 1979 (3161/1979), li kopja tieghu qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok "F", b'dan illi matul hajtu kollha u fl-atti kollha tal-hajja civili, inkluza l-karta ta' l-identita', li kopja taghha qed tigi annessa, u mmarkata bhala Dok "G", ic-certifikat tal-maghmudija li kopja tieghu qed tigi annessa, u mmarkata bhala Dok "H", kif ukoll id-dokumenti ufficjali relatati mal-professjoni tieghu ta' accountant, li kopja taghhom qed tigi annessa, u mmarkata bhala Dok "I", huwa dejjem gie maghruf bhala Michael Spiteri Bailey.

7. Effettivament fil-hajja taghhom ta' kuljum, kemm huma individwalment kif ukoll bhala familja, l-esponenti dejjem uzaw il-kunjom "Spiteri Bailey", minflok il-kunjom "Spiteri", liema kunjom "Spiteri Bailey", baqa' jintuza minnhom sal-gurnata ta' llum.

8. Minn dan isegwi li l-fatt illi l-kunjom "Spiteri Bailey" li fih huma lkoll maghrufa mhux annotat fl-Att tat-Twelid Iskrizzjoni numru 4194/1942 u lanqas ma jikkombacja mal-kunjom riprodott fuq l-Att tat-Twelid Iskrizzjoni numru 3161/1979 u fl-Att taz-Zwieg Iskrizzjoni numru 762/1969 mmarkati bhala Dok "A", "F" u "C" rispettivament, qieghed jikkawza inkonvenjent lill-esponenti kemm fil-hajja privata, socjali u anke professjonali taghhom;

9. Ghaldaqstant jigi rilevat umilment illi jehtieg illi fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' Iskrizzjoni 4194/1942, issir annotazzjoni fil-margini tac-certifikat illi tindika illi l-esponenti Lawrence, hemm indikat bhala "Lorenzo", huwa ,maghruf ukoll bhala "Lawrence Spiteri Bailey";

10. Minn dan isegwi li jehtieg ukoll illi l-effett ta' din l-istess annotazzjoni jigi rifless f'kull Att ta' l-Istat Civili

relattiv ghall-istess esponenti Lawrence, fosthom l-Att taz-Zwieg Iskrizzjoni numru 762/1969.

11. Ulterjorment l-effett ta’ l-istess annotazzjoni ghandu jigi rifless wkoll f’kull Att ta’ l-Istat Civili, inkluz fl-Att tat-Twelid Iskrizzjoni numru 3161/1979, relattiv ghall-wild ta’ l-esponenti konjugi Spiteri, senjatament l-esponenti Michael Spiteri li del resto huwa maghruf diga’ bhala Michael Spiteri Bailey.

12. Tali annotazzjonijiet certament illi kieku jiffacilitaw il-hajja tal-esponenti kollha, illi lkoll ta’ sikwit isibu intoppi u diffikultajiet minhabba illi l-kunjom illi juzaw ta’ kuljum, senjatament “Spiteri Bailey”, ma jirriflettix dak illi jirrizulta fl-Atti Civili taghhom.

13. Inoltre l-istess annotazzjonijiet u l-effetti taghhom mhumiex ser jilledu bl-ebda mod id-drittijiet ta’ terzi, b’dan illi ghall-kuntrarju sejrin iservu sabiex jaghtu lil terzi informazzjoni izjed shiha dwar l-istess esponenti.

14. L-esponenti jafu l-fatti hawn fuq imsemmija personalment.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-esponenti Lorenzo Spiteri, ilu sa minn ckunitu maghruf konsistentament bhala Lawrence Spiteri Bailey;

2. Tiddikjara li l-esponenti Rita Spiteri ilha maghrufa konsistentement bhala Rita Spiteri Bailey sa miz-zwieg taghha ccelebrat fid-9 ta’ Gunju, 1969;

3. Tiddikjara illi l-esponenti l-iehor, Michael Spiteri, ilu maghruf bhala Michael Spiteri Bailey sa minn twelidu;

4. Konsegwentement tordna illi fl-Att tat-Twelid bin-numru ta’ Iskrizzjoni 4194/1942, issir annotazzjoni fil-margini tac-certifikat illi tindika illi l-attur Lawrence, hemm

indikat bhala “Lorenzo”, huwa maghruf bhala “Lawrence Spiteri Bailey”;

5. Tordna illi fl-Att taz-Zwieg bin-numru ta’ Iskrizzjoni 762/1969 isem u kunjom ir-ragel mizzewweg jigi mibdul minn “Lawrence Spiteri” ghal “Lawrence Spiteri Bailey”, u fin-nuqqas tordna li issir annotazzjoni fil-margini tac-certifikat illi ir-ragel mizzewweg huwa maghruf bhala “Lawrence Spiteri Bailey”;

6. Tordna illi l-Att tat-Twelid Iskrizzjoni numru 3161/1979, jigi mibdul fis-sens illi isem u kunjom missier it-tarbija jinbidel minn “Lawrence Spiteri” ghal “Lawrence Spiteri Bailey” u fin-nuqqas tordna li ssir annotazzjoni fil-margini tac-certifkat illi missier it-tarbija huwa maghruf bhala “Lawrence Spiteri Bailey”;

7. Tordna illi dan it-tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili ta’ l-esponenti;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta;

1. Preliminarjament fir-rigward ta’ l-ewwel tliet talbiet dedotti fir-rikors, l-esponent jirrileva li fir-rigward tar-rikorrent Lorenzo Spiteri, ai termini ta’ l-Artikolu 4(3) tal-Kodici Civili ghandu dritt li juzu l-kunjom “Spiteri Bailey” stante li jirrizulta mill-Att tat-Twelid tieghu li jgib in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni 4194 tas-sena 1942 li huwa it-tifel ta’ Lawrence Spiteri u Carmela Spiteri nee’ Bailey pero’ m’ghandux dritt li jikkorregi l-Att tat-Twelid tieghu stante li dana huwa dokument storiku u jirregistra l-fatti kif kienu fid-data tat-twelid tar-rikorrent. Inoltre, fir-rigward ta’ l-Att taz-Zwieg tal-konjugi Spiteri li jgib in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni 762/1969 u l-Att tat-Twelid tar-rikorrent Michael Spiteri li jgib in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni 3161/1979, jekk jigi ppruvat a sodisfazzjon ta’ din l-Onorabbli Qorti li r-rikorrent Lorenzo Spiteri kien fi zmien relattiv ghaz-zwieg u t-twelid ta’ ibnu Michael juzu l-kunjom “Spiteri Bailey”, l-esponent ma joggezzjonax ghat-talba.

2. Illi fir-rigward tar-raba talba dedotta fir-rikors guramentat l-esponent jirrileva li jirrizultalu mill-Att tat-Twelid tar-rikorrent Lorenzo Spiteri li jgib in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni 4194 tas-sena 1942 li d-dikjaranta fuq l-Att in kwistjoni kienet certu “Giuseppa wife of Alfred Cassar who declares that she has attended at the birth” u iffirmat bhala ‘G.Cassar’. L-esponent jirrileva li l-isem tar-rikorrent Lorenzo Spiteri jista’ jigi korrett ai termini ta’ l-Artikolu 253(2) tal-Kap. 16 diment li jigu ppruvati a sodisfazzjon ta’ din l-Onorabbli Qorti r-rekwiziti stipulati fl-imsemmi artikolu pero’ l-esponent joggezzjona li ssir annotazzjoni fil-margini ta’ l-Att fir-rigward tal-kunjom stante li diment li d-dettalji gew registrati korrettement, kif jidher li gara f’dan il-kaz, ma hemm ebda fundament guridiku ghall-kawza ta’ korrezzjoni ta’ l-Att tat-Twelid tieghu.

3. Illi fir-rigward tal-hames talba dedotta fir-rikors guramentat, l-esponent jirrileva illi jirrizulta mill-Att taz-Zwieg li jgib in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni 762 tas-sena 1969 li r-rikorrenti konjugi Spiteri ddikjaraw ruhhom bhala ‘Lawrence Spiteri u Rita Grech’. L-esponent jirrileva li fir-rigward ta’ l-isem tar-rikorrent Lorenzo Spiteri jirrizulta li l-isem diga huwa dikjarat fuq l-Att bhala ‘Lawrence’, pero’ fir-rigward tal-kunjom jekk jigi ppruvat a sodisfazzjon ta’ din l-Onorabbli Qorti li r-rikorrent Lorenzo Spiteri kien fi zmien relattiv ghaz-zwieg juza l-kunjom ‘Spiteri Bailey’, l-esponent ma joggezzjonax ghat-talba.

4. Illi fir-rigward tas-sitt talba dedotta fir-rikors guramentat tar-rikorrent Michael Spiteri fuq l-Att tat-Twelid li jgib in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni 3161 tas-sena 1979 jirrizulta li d-dikjarant fuq dan l-Att kien il-missier tat-tarbija li ddikjara ruhu bhala “Lawrence Spiteri” u ffirma fuq dan l-Att. L-esponent jirrileva li fir-rigward ta’ l-isem tar-rikorrent Lorenzo Spiteri jirrizulta li l-isem diga huwa dikjarat fuq l-Att bhala “Lawrence”, pero’ fil-konfront tal-kunjom, jekk jigi ppruvat a sodisfazzjon ta’ din l-Onorabbli Qorti li r-rikorrent Lorenzo Spiteri kien fi zmien relattiv ghat-twelid ta’ ibnu Michael juza l-kunjom ‘Spiteri Bailey’, l-esponent ma joggezzjonax ghat-talba.

5. Illi fir-rigward tas-seba talba dedotta fir-rikors guramentat l-esponent jirrileva li ai termini ta’ l-Artikolu 253(3) tal-Kap 16 ir-rikorrenti iridu jispecifikaw l-Atti ta’ l-Istat Civili kollha li qed jitolbu li jikkorregu.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Atti ta’ l-Istat Civili mhux attriwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-esponent li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti stante li d-dikjarant fuq att ta’ l-Istat Civili ghandu l-obbligu li jaghti d-dettalji korretti u huwa responsabbli li jivverifika d-dettalji li ddikjara u ffirma ghalihom.

7. Illi l-fatt li dikjarant fuq Att ta’ l-Istat Civili ddikjara dettalji li ma kienux ai termini tal-ligi u ghalhekk ikun sar zball ma jfissirx li dan l-izball ghandu jigi ripetut.

8. Illi ghanda ssir il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

9. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat li r-rikors thalla llum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat illi fil-materja ta’ bdil f’atti ta’ stat civili l-interess ta’ terzi huwa konsiderazzjoni essenzjali u huwa l-isfond li fih jigu konsidrati ix-xewqat individwali.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku “……. L-interess tad-Direttur tar-Registru Pubbliku huwa proprju l-interess ta’ dawn it-terzi u cioe’ tal-pubbliku”, ukoll “Dan hu fil-fatt wiehed mill-iskopjiet principali li jservi ghalih ir-Registru Pubbliku, u cioe’ li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattaw ma’ certu ndividwu jkunu f’posizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak l-individwu b’mod kemm jista’ jkun komplet.” (2 ta’ Marzu, 1994)

Fil-kaz li ghandha quddiemha l-Qorti llum huwa rizultat ta' c-cirkostanzi tat-twelid ta' Lorenzo Spiteri. Fl-Att tat-Twelid tieghu gie registrat bhala Lorenzo iben Lawrence u Carmela xebba Bailey. Hu jghid li kien minn dejjem maghruf bhala Lawrence Spiteri Bailey u konsegwentement irrizultaw diskrepanzi bejn l-isem u kunjom li kien juza u l-atti civili kollha inkluz dawk li jirrigwardaw lil ibnu, rikorrent ukoll fil-kawza tal-lum.

Ir-rikorrent Lorenzo sive Lawrence Spiteri ressaq diversi provi li jixhdu li ilu hafna snin maghruf bhala Lawrence Spiteri Bailey. Sa mill-ewwel impieg tieghu fis-Servizz Civili meta kellu dsatax il-sena, diga kien maghruf hekk.

Konsegwentement uliedu ukoll dejjem uzaw il-kunjom Spiteri Bailey. Ir-rikorrent Michael sahansitra ghandu c-certifikati akkaddemici u professjonali li jirreferu ghalih bhala Michael Spiteri Bailey.

Il-Qorti hija sodisfatta li ngabu provi ampji biex jaffermaw l-uzu ghal zmien twil tal-isem u l-kunjom.

Ir-raba talba tar-rikorrenti tinkludi kemm l-isem kif ukoll il-kunjom. Il-Qorti tinnota li fic-certifikat tat-twelid, il-kunjom tat-tarbija ma jitnizzlux, jitnizzlu biss kunjom il-missier u kunjom l-omm xebba. Din hija r-raguni ghaliex hafna drabi il-Qrati taghna ma kienux herqana li jzidu kunjom ta' persuna. Madanakollu il-Qrati laqghu talbiet ta' din ix-xorta meta nhass li jinhtiegu jigu protetti terzi, u dan billi tinghata aktar informazzjoni fuq il-persuna . Hekk ghamlet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fuq citata, li ttrattat iz-zewg problemi, kemm tal-isem kif ukoll tal-kunjom. Hekk ukoll deherilha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza Harold u Hilda konjugi Ellul sive Ellul Mercer vs Direttur tar-Registru Pubbliku (5 ta' April, 2001).

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta u tiddeciedi billi;

1. Tilqa' l-ewwel talba.

2. Tilqa' t-tieni talba.

3. Tilqa’ t-tielet talba.

4. Tilqa’ r-raba talba u tordna illi fl-att tat-twelid numru 4194/1942 issir annotazzjoni fil-margini tac-certifikat illi tindika illi l-attur Lawrence, hemm indikat bhala “Lorenzo” huwa maghruf bhala “Lawrence Spiteri Bailey”.

5. Tordna illi fl-att taz-zwieg numru 762/1969 isem u kunjom ir-ragel mizzewweg, jigi mibdul minn “Lawrence Spiteri” ghall-“Lawrence Spiteri Bailey.”

6. Tordna illi l-att tat-twelid numru 3161/1979 jigi mibdul fis-sens illi isem u kunjom missier it-tarbija jinbidel minn “Lawrence Spiteri” ghal “Lawrence Spiteri Bailey.”

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba’ talba peress illi ma gewx dettaljatament notati l-atti kollha li fihom jinhtieg bdil u dan a tenur tal-Art. 253(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

8. Tordna, ghall-finijiet tal-Art. 256 tal-Kodici Civili li l-konvenut jigi notifikat b’kopja vera ta’ din is-sentenza u li fiz-zmien imsemmi f’dak l-artikolu jaghmel it-tibdiliet ordnati bis-sahha ta’ din is-sentenza.

Peress illi ma giex pruvat li l-konvenut jahti ghal xi zball tordna li l-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------